MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-5 ta' Awwissu, 2008

Numru 373/2008

Il-Pulizija
(Spettur James Grech)

vs

William Mercieca

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta’ karta ta’ identità numru 403973(M) akkuzat talli bejn Marzu u April 2008 b’diversi atti maghmulin minnu li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda f’dawn il-Gzejjer:

1. talli volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal anqas minn 1164.69 euros (Lm500) izda aktar minn 116.47 euros (Lm50) ghad-detriment ta’ Sandra Cutajar detentrici tal-karta ta’ identità bin-numru

457169(M) bhala sid il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni EBM597 u Tracy Sciberras detentrici tal-karta ta’ l-identità bin-numru 144077(M) bhala sid il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni TRC119;

2. talli fl-24 ta’ April 2008 ghal habta ta’ 17.10hrs gewwa Triq Papa Piju V, Valletta ikkommetta serq ta’ hwejjeg liema ammont huwa aktar minn 232.94 euros aggravat bil-mezz, bil-valur, ukoll bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta’ Tracy Sciberras detentrici tal-karta ta’ identità numru 144077(M);

3. talli fil-11 ta’ Marzu 2008 ghal habta ta’ 15:30hrs gewwa Triq Sarrija Floriana bil-hsieb li jaghmel delitt ta’ serq wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu;

4. talli fl-istess zmien laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat;

5. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi assocja ruhu ma’ Giovanni Conte bil-ghan li jaghmlu delitt;

6. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi xjentament ghen jew assista lil Giovanni Conte fl-atti li bihom id-delitt gie ppreparat jew ikunsmat;

7. talli rrenda ruhu recediv b’diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati Malta nhar it-23.06.1992, 11.12.1997, 31.10.1996, 27.05.1997, 02.07.1999 mill-Qorti preseduta mill-Magistrat Dr A. Mizzi, nhar l-1 ta’ Dicembru 2000 mill-Qorti preseduta mill-Magistrat Dr J. Padovani Grima, nhar it-18 ta’ Jannar 2001 mill-Qorti kif illum preseduta, nhar l-1 ta’ Frar 2002 mill-Qorti preseduta mill-Magistrat Dr M. Hayman, nhar it-18 ta’ April mill-Qorti preseduta mill-Magistrat Dr A. Lofaro, nhar l-10 ta’ Marzu 2006 mill-Qorti ta’ l-Appell u nhar l-24 ta’ Marzu 2006 mill-Qorti preseduta mill-Magistrat Dr J. Padovani Grima, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mhassra.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

Il-provi jissugragaw bis-shih il-fatt tas-serqa mill-vettura TRC 119 bl-aggravanti tal-mezz, valur u x-xorta tal-haga misruqa; ukoll tal-hsara volontarja konsistenti fit-tiksir tal-hgiega bhala mezz ghall-fini sabiex twettqet is-serqa liema hsara tirrisulta fl-ammont ta' 270 euro. Jinsab pruvat ukoll sodisfacjentement l-attentat ta' serq mill-vettura EBM 597 u danriferibbli ghat-tielet akkuza. Din is-serqa li kieku twettqet kienet tkun aggravata ukoll bil-mezz, valur u x-xorta tal-haga misruqa. Ukoll relattiv din l-ahhar serqa jirrisulta li giet kkagunata hsara volontarja waqt li tkissret il-hgiega taghha liema hsara tiirizulta fl-ammont ta' 164 euro. Dwar ir-recidiva din tinsab ukoll pjenament pruvata anki bl-ammisjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat li fiha insista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra liema ammisjoni hi applikabbli ghar-reati l-ohra hlief dik tar-ricetazzjoni li hija in alternattiva ghall-akkuza tas-serq.

Illi fost l-akkuzi l-imputat jinsab akkuzat ukoll b'assocjazzjoni fil-kummisjoni tar-reat. Dan ir-reat jirrizulta fl-attentat tas-serq u hu punibbli fil-kaz tal-imputat odjern bil-piena ghad-delitt ta' attentat li kieku gie ikkunsmat.

Ghaldaqstant u ghall-motivi fuq premessi qeghda tiddikjarah hati ta' l-akkuzi kollha hlief tar-raba' akkuza. Rat l-Artikolu 261 (b) (c) (e), 264, 271, 278, 279 (a), 48A, 41 (a), 49, 50, 17, 31 tal-Kap 9 u tikkundannah disa' xhur prigunerija li minnhom ghandhom jitnaqqsu dak li l-imputat gia ghamel taht arrest preventiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------